

32003R1847

21.10.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 269/3

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1847/2003**tal-20 ta' Ottubru 2003****dwar l-awtorizzazzjoni proviżorja ta' l-użu ta' additiv u l-awtorizzazzjoni permanenti ta' additiv ieħor li kien ġie diġà awtorizzat fi prodotti ta' l-ikel****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

L-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 dwar l-additivi fil-prodotti ta' l-ikel ⁽¹⁾, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/7/KE ⁽²⁾, u l-aktar l-Artiklu 3, l-Artiklu 9d(1) u l-Artiklu 9e(1) miġjuba fiha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 70/524/KEE tisħaq li l-użu l-ġdid ta' l-additiv li diġà kien ġie awtorizzat jeħtieġ li jkollu l-awtorizzazzjoni tal-Komunità.
- (2) Fil-każ ta' l-additivi msemija fil-Parti II ta' l-Anness C għad-Direttiva 70/524/KEE, li jinkludi wkoll l-enżimi, tista' tingħata awtorizzazzjoni proviżorja ta' użu ġdid ta' additiv fi prodotti ta' l-ikel, jekk il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dik id-Direttiva jkun aderiti, u jekk wieħed ikun jista' jassumi b'mod raġonevoli, minħabba fir-riżultati disponibbli, li meta dawn jintużaw fil-għalf għall-annimali, dan l-additiv ikollu wieħed mill-effetti msemija fl-Artiklu 2(a) ta' dik id-Direttiva. Din l-awtorizzazzjoni proviżorja tista' tingħata għal perjodu li ma jkun itwal minn erba' snin.
- (3) L-enżima msemija fl-Anness I għal dan ir-Regolament (l-enżima) kienet awtorizzata għall-ewwel darba b'mod proviżorju għat-tiġieġ tas-simna bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1436/98 ⁽³⁾, wara li kien hemm opinjoni favorevoli mill-Kumitat Xjentifiku għall-Għalf ta' l-Annimali (KXGhA), l-aktar dwar is-sigurtà tal-prodott. L-awtorizzazzjoni proviżorja ta' dak l-additiv kienet imtawla sat-30 ta' Ġunju 2004 bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2200/2001 ⁽⁴⁾.
- (4) Il-kumpannija li tipproduċi tat tagħrif ġdid biex issaħħaħ l-applikazzjoni ħalli l-awtorizzazzjoni għall-użu ta' l-enżima għad-dundjani tas-simna tkun imtawla.
- (5) L-istima ta' l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni sottomessa dwar l-użu l-ġdid ta' l-enżima turi li l-kondizzjonijiet imsemmija fid-Direttiva 70/524/KEE għall-awtorizzazzjoni proviżorja kienu aderiti.
- (6) 6) Fis-27 ta' Marzu 2003, il-KXGhA ta opinjoni favorevoli fuq is-sigurtà ta' l-enżima għad-dundjani tas-simna taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

- (7) Id-Direttiva 70/524/KEE tisħaq li l-additivi msemija fil-Parti II ta' l-Anness C għal dik id-Direttiva jistgħu jiġu awtorizzati mingħajr ma jkun hemm limitu ta' żmien, jekk il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artiklu 3(a) jkun aderiti.
- (8) Il-mikro-organiżmu msemmi fl-Anness II għal dak ir-Regolament (il-mikro-organiżmu) kien awtorizzat b'mod proviżorju għall-ewwel darba bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1436/98, wara li kien hemm opinjoni pożittiva mill-KXGhA, l-aktar dwar is-sigurtà tal-prodott. L-awtorizzazzjoni tal-mikro-organiżmu kienet imtawla sat-30 ta' Ġunju 2004 bir-Regolament (KE) Nru 2200/2001.
- (9) Il-kumpannija li tipproduċi tat tagħrif ġdid biex issaħħaħ l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-mikro-organiżmu mingħajr ma jkun hemm limitu ta' żmien.
- (10) L-istima ta' l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni proviżorja dwar il-mikro-organiżmu turi li l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-awtorizzazzjoni mingħajr ma jkun hemm limitu ta' żmien, kif hemm imsemmi fid-Direttiva 70/524/KEE, ġew aderiti.
- (11) Fit-2 ta' Diċembru 2002, il-KXGhA ta opinjoni pożittiva fuq l-effikaċja tal-mikro-organiżmu taħt ċerti kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (12) Għalhekk, huwa xieraq li l-użu ta' l-enżima għad-dundjani tas-simna għandu jkun awtorizzat għal perjodu ta' erba' snin, waqt li l-użu tal-mikro-organiżmu għall-ħnieżer żgħar sa 35 kg għandu jkun awtorizzat mingħajr ma jkun hemm limitu ta' żmien.
- (13) L-istima taż-żewġ applikazzjonijiet turi li ċerti proċeduri huma meħtieġa biex iħarsu lill-ħaddiema mill-esponiment tagħhom għall-enżima u l-mikro-organiżmu. Madankollu, din il-protezzjoni hija assikurata bl-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 fuq l-introduzzjoni ta' miżuri biex jitmexxa 'l quddiem it-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol ⁽⁵⁾.
- (14) il-miżuri msemija f'dan ir-Regolament huma fi qbil ma l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

⁽¹⁾ ĠU L 270, ta' l-14.12.70, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 22, tal-25.01.03, p. 28.⁽³⁾ ĠU L 191, tas-7.07.98, p. 15.⁽⁴⁾ ĠU L 299, tal-15.11.01, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 183, tad-29.06.89, p. 1.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-additiv li jifforma parti mill-grupp “enzimi” msemmi fl-Anness I huwa awtorizzat għall-użu bħala additiv fl-għalf taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f’dak l-Anness.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta’ Ottubru 2003.

L-Artiklu 2

L-additiv li jifforma parti mill-grupp “mikro-organiżmi” msemmi fl-Anness II huwa awtorizzat għall-użu bħala additiv fl-għalf taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f’dak l-Anness.

L-Artiklu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS I

Nru (jew Nru tal-KE)	Additiv	Formula kemikali, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' l-annimal	L-Età massima	Il-Kontenut minimu	Il-Kontenut massimu	Diżposizzjonijiet oħrajn	It-tmiem tal-perjodu ta' l-awtorizzazzjoni
					Unità ta' attività/kg ta' għalf kompluti			
“Enżimi								
14	Endo-1,4-beta-xylanase KE 3.2.1.8.	Preparazzjoni ta’ endo-1,4-beta-xylanase magħmula mill- <i>Aspergillus niger</i> (CBS 520.94) u li jkollha attività minima ta’: Forma solida: 600 U/g ⁽¹⁾ Forma likwida: 300 U/ml	Dundjani tas-simna		300 U		1. Fid-direzzjonijiet għall-użu ta’ l-additiv u t-taħlit lest minn qabel, għandha tintwera t-tempertura tal-ħażna, il-ħajja tal-ħażna, u l-istabbiltà fit-tgerbib 2. Id-doża rakkomandata għal kull kg ta’ għalf komplut: 300 — 1 200 U 3. Għall-użu f’għalf kompost li jkun fih ħafna polysaccharides mingħajr lamtu, (l-aktar l-arabinoxylans) eż. li jkollhom aktar minn 40 % qamħ.	ta’ l-24.10.2007

⁽¹⁾ U waħda hija l-ammont ta' enzima li teħles 1 micromole ta' xylose mill-xylan tas-siġar tal-ġummar kull minuta f'pH 5,3 u 50 °C."

L-ANNESS II

Nru (jew Nru tal-KE)	Additiv	Formula kemikali, deskrezzjoni	Speċi jew kategorija ta' l-annimal	L-Età massima	Il-Kontenut minimu	Il-Kontenut massimu	Diżposizzjonijiet oħrajn	It-Tmiem tal-perjodu ta' l-awtorizzazzjoni
					Unità ta' attività/kg ta' għalf komplut			
“Mikro-organiżmi								
E 1703	Saccharomyces cerevisiae CNCM I-1079	Preparazzjoni ta' <i>Saccharomyces cerevisiae</i> li jkollha minimu ta': 2× 10 ¹⁰ CFU/g additiv	Ħnieżer żgħar		2 × 10 ⁹	6× 10 ⁹	Għall-ħnieżer żgħar sa madwar 35 kg. Fid-direzzjonijiet għall-użu ta' l-additiv u t-taħlit lest minn qabel, għandha tintwera t-temperatura tal-ħażna, il-ħajja tal-ħażna, u l-istabbiltà fit-tgerbib.	Mingħajr limitu ta' żmien”